MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Avviz Numru. 79/2014

**Creek Developments p.l.c.**

**Vs**

**Bastiment Carolina u b'digriet tal-14 t'April, 2014 gie nominat Dr. Patrick Valentino bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-Bastiment Carolina**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-bastiment konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' ghaxar t'elef, sitt mija u sittax-il Euro u wiehed u hamsin centezmu (€10,616.51), rapprezentanti prezz ta' facilitajiet ta' rmiggjar ipprovduti lill-bastiment intimat u hlasijiet ohra ancillari, hekk kif jidher mill-istatement tas-16 ta' Jannar, 2014 hawn anness u mmarkat bhala "Dok A".

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-bastiment intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat Dr. Patrick Valentino nominat b'digriet tal-14 ta' April, 2014 sabiex jirrapprezenta l-bastiment Carolina fejn espona:

1. Illi l-esponent ma huwiex edott mill-fatt tal-kaz, pero' jirriserva li jipprezenta risposta ulterjuri fl-eventwalita' illi jirnexxielu jikkomunika mas-sidien tal-bastiment intimat.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Ikkunsidrat

Fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2014 xehed Dottor Austin Gauci Maistre in rapprezentanza tas-socjeta attrici, fejn ikkonferma li l-ammont imsemmi fir-rikors ghadu dovut.

Il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghal provi tal-bastiment Carolina konvenut. Fis-seduta tallum deher Dottor Patrick Valentino ghal bastiment konvenut li vverbalizza li "*in vista tal-fatt illi sid il-bastiment Nazzareno Zammit miet fid-29 ta' Lulju, 2010 skont informazzjoni provduta mis-socjeta' rikorrenti, u in vista tal-fatt illi b'digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja 462/2011 l-eredi tal-imsemmi Nazzareno Zammit irrinunzjaw ghall-eredita' tal-istess kif jirrizulta minn fol 9 u 10 tal-process, u l-bastiment konvenut m'ghandux provi x'jipproduci*".

Ghaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li l-ammont imsemmi fir-rikors promotur ghadu dovut lis-socjeta attrici mill-bastiment Carolina.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici u qed tikkundanna l-bastiment Carolina konvenut sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' ghaxar t'elef, sitt mija u sittax-il Euro u wiehed u hamsin centezmu (€10,616.51), bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-bastiment konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------